31986R1483

L 130/23 *IL-ĠURNAL UFFIĊJALI TAL-KOMUNITAJIET EWROPEJ* 16.5.1986

IR-REGOLAMENT TAL-KUMMISSJONI (KEE) Nru 1483/86
tal-15 ta' Mejju 1986
li jemenda ir-Regolament (KEE) Nru 3718/85 li jistabbilixxi ċerti miżuri tekniċi u ta' kontroll marbuta ma' attivitajiet ta' sajd minn bastimenti li jtajjru l-bandiera ta' Spanja f'ibħra Portugiżi

IL-KUMMISSJONI TAL-KOMUNITAJIET EWROPEJ,

Wara li kunsidrat it-Trattat li jistabbilixxi l-Komunità Ekonomika Ewropea,

Wara li kunsidrat l-Att ta' Adeżjoni ta' Spanja u l-Portugall, u b'mod partikolari l-Artikolu 352(8) tiegħu,

Billi għandhom jiġu applikati miżuri iktar stretti għall-bastimenti li jistadu għall-alongi;

Billi l-validità tal-listi perjodiċi għandha titqassar, il-kondizzjonijiet speċjali li jridu jigu sodisfatti għall-permessi tas-sajd għandhom jiġu applikati ukoll għall-bastimenti ta' aktar minn ammont gross ta' aktar minn 20 tunnellata (GRT). Għandhom jiġu introdotti arranġamenti speċjali għall-bastimenti ta' inqas minn 20 GRT;

Billi r-Regolament tal-Kummissjoni (KEE) Nru 3718/85 [1] għandu jiġi emendat skond hekk;

Billi l-miżuri provduti f'dan ir-Regolament huma skond l-opinjoni tal-Kumitat ta' Tmexxija għar-Rizorsi tas-Sajd,

ADOTTAT DAN IR-REGOLAMENT:

Artikolu 1

Ir-Regolament (KEE) Nru 3718/85 huwa hawnhekk emendat kif gej:

1. It-tieni subparagrafu ta' l-Artikolu 3(2) huwa mibdul b'dan li gej:

   "Il-lista ta' bastimenti tas-sajd għall-ħut migratorju kbir minbarra t-tonn għandha tintbagħat mill-inqas 15-il jum qabel id-data magħzula biex tidħol fis seħħ; din il-lista għandha tkopri perijodu ta' mill-anqas xahrejn kalendarji. Il-lista ta' bastimenti li jistadu għall-alonga għandha tintbagħat mill-inqas 15-il jum qabel id-data magħzula biex tidħol fis-seħħ; din il-lista għandha tkopri l-perjodu mill-ewwel jum sal-15-il jum tax-xahar jew mis-16-il jum sa l-aħħar jum tax-xahar."

2. Ir-raba' inċiż ta' l-Artikolu 3(3) huwa mibdul b'dan li ġej:

   "— ir-rata ta' tisrif kif speċifikat fl-Artikolu 158(2) ta' l-Att ta' l-Adeżjoni u fil-kaz ta' bastimenti li jistadu għall-alonga, rata ta' tisrif adottata mill-Kunsill bi qbil mal-proċeduri msemmija fl-Artikolu 352 ta' l-Att ta' l-Adeżjoni. '"

3. Fl-Artikolu 8 huwa miżjud il-paragrafu li gej:

   "L-awtoritajiet Spanjoli għandhom jikkomunikaw ma' l-awtoritajiet nazzjonali tal-kontroll speċifikati fil-punt 7 ta' l-Anness, l-informazzjoni miksuba skond il-punt 8.1 ta' l-Anness, mill-inqas 24 siegha qabel il-bastimenti jidħlu fiż-żona ta' mitejn mil nawtiku 'l barra mill-kosta tal-Portugall, u l-informazzjoni skond 8.2 ta' l-Anness fi zmien 24 siegha tar-ritorn tal-bastiment lejn il-port minfejn jopera."

4. Fl-Anness it-titolu ta' taqsima B huwa mibdul b'dan li ġej:

   "B. Kondizzjonijiet oħra li għandhom jitħarsu mill-bastimenti kollha ħlief dawk li jistadu għall-ħut migratorju kbir minbarra t-tonn.'"

5. Fl-Anness, l-intestatura fil-punt 3 hija mibdula b'dan li gej:

   "3. Il-bastimenti kollha li għandhom il-permess li jistadu, ħlief għal dawk il-bastimenti ta' inqas minn 20 GRT u li ma għandhomx radju abbord u li għandhom il-permess jistadu għall-alongi, għandhom jgħaddu l-informazzjoni mitluba fil-punt 4 lill-awtoritajiet ta' kontroll nazzjonali kompetenti kif speċifikat fil-punt 7, skond l-iskeda li gejja:"

6. Dan il-punt jiżdied ma' l-Anness:

   "8. Bastimenti bil-permess jistadu għall-alonga, li għandhom inqas minn 20 GRT u li m'għandhomx radju abbord għandhom jgħaddu l-informazzjoni li ġejja lill-awtoritajiet ta' kontroll fi Spanja:

   8.1. qabel ma' l-bastiment jitlaq mill-port minn fejn jopera u mill-inqas 24 siegha qabel ma l-bastiment jidħol fiż-żona ta' 200 mil nawtiku 'il barra mill-kosta tal-Portugall;

   8.1.1 l-iskedi tad-dati għad-dħul u l-ħruġ miż-żona ta' 200 mil nawtiku 'l barra mill-kosta tal-Portugall;

   8.1.2. Il-kwadru ta' l-istatistika skond is-CES jew CECAF li fiha jista' jsir is-sajd;

[1] ĠU L 360, ta' l-1.12.1985, p. 14.

8.1.3. L-iskedi tad-dati għad-dħul u l-ħrug minn port Portugiz;

8.1.4. Id-data skedata għall-wasla tal-bastiment fil-port minn fejn jopera;

8.2. Fl-24 siegħa wara li l-bastiment jirritorna fil-port minn fejn jopera;

8.2.1. Il-qabdiet magħmula, maqsuma skond il-kwadru ta' l-istatistika tas-CES jew CECAF.'"

Artikolu 2

Dan ir-regolament għandu jidħol fis-seħħ fil-jum meta jiġi pubblikat fil-*Ġurnal Uffiċjali tal-Komunitajiet Ewropej*.

Dan ir-Regolament għandu jorbot fl-intier tiegħu u japplika direttament fl-Istati Membri kollha.

Magħmul fi Brussel nhar il-15 ta' Mejju 1986.

Għall-Kummissjoni

António CARDOSO E CUNHA

Membru tal-Kummissjoni